

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

PROVIŻORJU  
2006/0276(CNS)

21.3.2007

## ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom  
(COM(2006)0787 – – C6-0053/2007 – 2006/0276(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Harald Ettl

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fuq il-bażi tal-programm ta' The Hague tal-5 ta' Novembru 2005, li jinkludi kemm l-immaniġġjar effiċjenti tal-kriżijiet transkonfinali kif ukoll it-titjib tal-protezzjoni ċivili u, għall-Unjoni, il-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi (minn hawn 'il quddiem 'CIP') fil-qafas tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u fuq il-bażi tal-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni fil-qafas tal-Green Paper tas-17 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta dwar miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitjieb l-immaniġġjar tal-kriżijiet fl-Ewropa.

Infrastrutturi kritiċi huma installazzjonijiet, networks, servizzi u assi kapitali, materjali u marbuta ma' l-IT, li f'każ li jitħassru jew jinqerdu jwasslu għal konsegwenzi gravi fuq is-saħħa, is-sigurtà jew il-benessri ekonomiku taċ-ċittadini kif ukoll fuq il-ħidma effiċjenti tal-gvernijiet fl-Istati Membri. L-infrastrutturi kritiċi jinsabu f'bosta oqsma ta' l-ekonomija, pereżempju fis-settur bankarju u finanzjarju, fit-trasport u fid-distribuzzjoni, fl-oqsma ta' l-enerġija, fis-sistemi tal-forniment, fis-saħħa, fil-forniment ta' l-ikel u fil-komunikazzjoni kif ukoll fis-servizzi importanti ta' l-Istat.

Is-CIP ta' l-UE, flimkien mas-sigurtà interna, hija kwistjoni ċentrali tas-sistema soċjali Ewropea. Il-qerda ta' dawn l-infrastrutturi tista' twassal, mill-perspettiva psikoloġika, biex il-pubbliku jitlef totalment il-fiduċja fl-UE. Bħalissa l-Istati Membri ta' l-UE għandhom livelli differenti ta' mekkaniżmi għall-immaniġġjar tal-kriżijiet fuq livell nazzjonali. Propju għal din ir-raġuni, il-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba biex tidentifika u tistabbilixxi l-infrastrutturi kritiċi Ewropej permezz ta' proċedura komuni.

Sabiex ikun hemm immaniġġjar attiv tal-kriżijiet jeħtieġ li s-sistemi ta' komunikazzjoni kollha neċessarji fil-qasam ta' l-IT u tat-telekomunikazzjoni jinżammu kif xieraq. Dawn l-oqsma juru struttura transversali u fl-istess ħin jirrappreżentaw infrastruttura kritika għal infrastrutturi kritiċi oħra, bħal ma huma l-oqsma tal-flus, tal-finanzi u ta' l-assikurazzjoni. F'każ ta' attakk fuq in-netwerk tad-dejta ta' l-ECB jew fuq xi bank kbir ieħor jew fuq il-borża ta' Frankfurt, jeħtieġ li malajr tittieħed azzjoni teknika u istituzzjonali.

Għall-kumpaniji kbar il-ħidma transkonfinali hija indispensabbli. Sħarriġ Ewropew li sar fis-sena 2000 wera li aktar minn nofs il-kumpaniji konċernati ma kenux qed iwettqu verifiki dwar is-sigurtà. Il-possibiltà li jsir abbuż mill-webservers tiffaċilita wkoll l-attiviżmu radikali u hija element essenzjali tat-teknika ta' l-informazzjoni tat-terroriżmu.

F'każ ta' katastrofi ta' kwalunkwe tip, l-infrastrutturi li għandhom kuntest internazzjonali u possibilitajiet limitati biex jiproteġu ruħhom huma partikularment fraġli. Dan il-punt dgħajjed deher b'mod drastiku fil-każ tal-qtuġh tal-provvista ta' l-elettriku fin-netwerk Ewropew fl-4.11.2006. Minkejja n-netwerks nazzjonali, il-provvista ta' l-ilma (ilma ta' taħt l-art, ilma mill-għejjun jew ilma ġieri) ukoll tista' tkun problematika fuq il-livelli transkonfinali u internazzjonali.

F'każ ta' kriżi, it-trasport ferrovjarju b'konnessjonijiet transkonfinali u l-ajruporti b'installazzjonijiet tas-sigurtà għat-titjiriet ukoll għandhom ikunu jistgħu jirrikorru għal-loġistika Ewropea ta' kontro-miżuri.

Il-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni u tar-rijassikurazzjoni ilhom snin jittrattaw il-kwistjoni ta' l-immaniġġjar tar-risku, minħabba l-eżiġenzi tas-settur tagħhom. F'direttivi, bħal pereżempju fil-qafas tad-direttivi tal-pakkett ta' miżuri "Solvenza I", diġà ġew meqjusa l-kwistjonijiet dwar l-immaniġġjar tar-riskju għall-assikurazzjonijiet kemm rigward id-dejta kif ukoll rigward il-grad ta' kopertura; jeħtieġ li dawn il-kwistjonijiet jiġu kkunsidrati mill-ġdid f'sitwazzjoni reali ta' riskju oġhla fil-qafas tal-proġett "Solvenza II". Fir-rigward ta' l-assikurazzjonijiet jeħtieġ li, minkejja l-proporzjonalità meħtieġa, wieħed iqis l-eventwalità ta' riskju ta' responsabilità supplementari, forsi ta' natura pubblika.

Ir-rapporteur ta' opinjoni jilqa' u jappoġġja l-ħsieb tal-Kummissjoni li tasal għal koordinazzjoni, fuq livell Ewropew, tal-miżuri dwar l-ECB. Minkejja dan, wieħed għandu jinnota li għandu jiġi evitat id-duplikar ta' miżuri settorjali eżistenti, bħal dawk stipulati fir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sistemi tal-likwidazzjoni ta' valur, dwar l-istandards rigward il-kumpens u l-likwidazzjoni ta' valur fl-UE u dwar l-istandards rigward l-użu ta' sistema ta' likwidazzjoni ta' valur fl-UE fit-tranżazzjonijiet ta' kreditu ta' l-ESCB.

Permezz ta' l-użu ta' miżuri li jorbtu flimkien ma' dawk li ma jorbtux jeħtieġ li tintlaħaq relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji sabiex jinkiseb valur miżjud Ewropew.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi mill-Parlament
	Emenda 1 Premessa 5 a (ġdida)
	<b><i>(5a) F'ċerti oqsma diġà jeżistu għadd ta' miżuri li jirregolaw l-identifikar, il-klassifikar u l-ħarsien ta' infrastrutturi kritiċi. Regolament futur fuq livell ta' l-UE m'għandux iwassal għad-duplikar mingħajr ma jikseb żieda fis-sigurtà.</i></b>
	Emenda 2 Artikolu 1
Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi	Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi

Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi.

Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi **minn kull tip ta' periklu.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-istrateġija għandha tiggarrantixxi l-ħarsien minn kull tip ta' periklu inkluż dak li mhux riżultat tat-terroriżmu jew ta' diżastri naturali iżda li xorta jista' jaffettwa l-funzjonalità u l-integrità ta' l-infrastruttura fuq żmien twil. B'mod partikulari nistgħu nsemmu żbalji umani, ħaddiema mhux kwalifikati biżżejjed, outsourcing ta' infrastrutturi li huma kritiċi għall-kumpanija, epidemiji, dipendenza dejjem akbar fuq l-IT, netwerking globali tas-sistemi ta' l-IT, problemi politiċi, eċċ.*

#### Emenda 3

##### Artikolu 5 Paragrafu 2 Subparagrafu 1

Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jidentifika l-assi ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jistabbilixxi soluzzjonijiet rilevanti ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom skond l-Anness II. Jistgħu jiġu **adottati** rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari relatati mal-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi u dan b'kunsiderazzjoni għall-miżuri tal-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jidentifika l-assi ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jistabbilixxi soluzzjonijiet rilevanti ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom skond l-Anness II. Jistgħu jiġu **kkunsidrati b'mod sħiħ** rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari relatati mal-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi u dan b'kunsiderazzjoni għall-miżuri tal-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni u l-banek huma parti mill-oqsma li kontinwament jinvestu ammonti kbar ta' flus f'miżuri ta' sigurtà bħal ma huma l-kontroll ta' l-aċċess jew il-garanzija tas-sistemi ta' l-informazzjoni. Il-miżuri statli m'għandhomx jidduplikaw miżuri settorjali li diġà jeżistu. Għalhekk, regolamentazzjoni futura għandha tiggarrantixxi li l-pjanijiet eżistenti dwar is-sigurtà jitqiesu bis-sħiħ.*

#### Emenda 4

##### Artikolu 10 Paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Infurmazzjoni dwar il-ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika sottomessa lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Infurmazzjoni dwar il-ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika sottomessa lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi, **u li l-prnċipju tal-**

*proporzjonalità jitqies b'mod assolut mill-perspettiva materjali kif ukoll mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali u istituzzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fost drittijiet fundamentali oħra u istituzzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa nsibu pereżempju l-protezzjoni tad-dejta jew is-sigriet tat-telekomunazzjoni.*

#### Emenda 5

Anness II Ringiela VII "Il-finanzi" Kolonna "Sotto-settur" Numru 19

19. Infrastrutturi **u sistemi** ta' l-ipproċessar u l-għeluq ta' **pagamenti u** garanziji

19. Infrastrutturi ta' l-ipproċessar u l-għeluq ta' garanziji

#### Emenda 6

Anness II Ringiela VII "Il-finanzi" Kolonna "Sotto-settur" Numru 19 a (ġdid)

#### **19a. Sistemi ta' pagament**

#### Emenda 7

Anness II Ringiela VII "Il-finanzi" Kolonna "Sotto-settur" Numru 19 b (ġdid)

#### **19b. Banek u assikurazzjonijiet**